repubblika

4 ta' Frar 2022

Iċ-Chairman
Bord tal-Gvernaturi
Lands Authority
Il-Berġa tal-Bavarja
Triq San Bastjan
Il-Belt Valletta

Sur Chairman:

DWAR: PROPJETÀ F'SA MAISON UŻATA MINN JOSEPH MUSCAT

Niktbulek b'riferenza għall-propjetà li ssemmiet ħafna fil-mezzi tal-komunikazzjoni f'dawn l-aħħar ġranet.

Nifhmu li din hi propjetà li hi jew sa ftit ilu kienet tal-Gvern. Nifhmu wkoll li l-propjetà mhix tintuża għal skop pubbliku u allura qed tintuża għal skop privat.

Minn dokumentazzjoni fil-pubbliku ma jirriżultalniex li din il-propjetà ġiet trasferita skont il-liġi li tirregola t-trasferiment tal-propjetà tal-Gvern la b'riżoluzzjoni Parlamentari u lanqas b'sejħa pubblika għall-offerti.

Napprezzaw li tikkoreġina jekk aħna żbaljati dwar dan.

Jekk m'aħniex, irridu nifhmu mingħandek x'kien ir-rwol tal-Lands Authority f'dan it-trasferiment. Jekk il-Lands Authority ma kellhiex rwol, x'azzjoni ħadt jew qed tieħu biex tassigura konformità mal-liġi?

Ninfurmawk li f'każ li ma tkunx f'pożizzjoni li ttina risposti sodisfaċenti, qed nikkunsidraw li nitolbu l-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu azzjoni skont il-liġi u partikolament Art. 34 tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern.

Bir-rispett,

Robert Aquilina.

29. Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org